MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2010

Numru 1045/2003

**PULIZIJA**
**SPETTUR EDEL MARY CAMILLERI**
**VS**
**MOURAD RIYAHI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mourad Riyahi, ta' 35 sena, iben Bechir Ben Mohammed Ben Ahmed Riyahi u Nejia bent Salah Ben Kilani nee' Agrebi; imwieled Tunis, fi 23 ta' Awissu 1967, residenti 47, Triq it-Tramuntana, Valletta u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 244995(M).

Illi huwa akkuzat talli fi 27 ta' Gunju 2002 u f'dati ohra ta' wara, gewwa Valletta, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, iffalsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus falsifikati u cioe biljetti tal-flus dollari amerikani, liema biljetti tal-flus

hu kien jaf li huma falsifikati. Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 45 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess cirkustanzi, minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljetti tal-flus falsifikati li kien jaf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati. Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 46 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal datat 25 ta’ Frar 2010 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat fil-verbal datat 25 ta’ Frar 2010;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni, wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Mourad Riyahi, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 45 u 46 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba’ (4) snin.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta’ l-imputat, il-fatt illi l-kaz jittratta biss ta’ sitt (6) noti ta’ hames (5 US Dollars) Dollari Amerikani illi kienu *counterfeit.* Peress illi d-Dollari

Amerikani, ezebiti mill-Prosekuzzjoni, gew distrutti ma' kwantita' ta' ezebiti ohra, kien fin-nirien li hakkmu parti mill-Qorti (ara Dok.MEC14), il-Qorti ma ghandiex ghalfejn taghmel ebda provvediment iehor fuq id-distruzzjoni tal-*counterfeit currency*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------